**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-29 ta' Settembru, 2020**

**Talba numru: 140/2019 AM**

**Numru fuq il-Lista: 23.**

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd (C8692)**

**Zachary House**

**Marsa Industrial Estate**

**Marsa**

**Vs**

**Oliver Compagno (K.I. 403473M)**

**Blue Rose Flat 2**

**Triq Marjanu Gerada**

**Tarxien**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba tas-socjeta' attrici prezentat fil-21 ta' Gunju 2019 li permezz taghha qed titlob lill-konvenut jigi ordnat ihallasha s-somma ta' elfejn hames mija u sbatax il-

ewro u sebgha u sittin centezmu (€2,517.67c) bilanc ta' merkanzija mibjugha u debitament konsenjata mis-socejta' attrici lill-intimat, rapprezentanti bejgh ta' zewg freezers li gew konsenjati lill-konvenut mis-socjeta' attrici.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data ta' l-ewwel seduta quddiem dan it-Tribunal.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament imsejjah baqa' ma deherx ghas-seduta u lanqas kkontesta t-talbiet attrici.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra s-subizzjoni tal-attur

Ra li l-konvenut rega ma deherx ghas-seduta tal-lum u li wara li rega semgha rapprezentant tas-socjeta' attrici jikkonferma li l-ammont ghadu kollu dovut il-kawza giet deciza.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur u jordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn hames mija u sbatax il-ewro u sebgha u sittin centezmu (€2,517.67c) bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**